MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## ANTONIO MICALLEF TRIGONA

Seduta tal-31 ta' Lulju, 2006

Numru 591/2004

Il-Pulizija
(Spettur Michael Mallia)

Vs

-omissis-
Alexandra Briffa

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi kontra l-imputata Alexandra Briffa detentrici ta’ karta ta’ identita’ numru 430289(M) rispettivament, akkuzata talli:

Ilkoll flimkien:-

Fil-lejl ta’ bejn it-12 u t-13 ta’ Mejju 2004, fi Triq l-Industrija Kirkop, kkommettiet serq ta’ vettura ta’ l-ghamla Austin 1100 bin-numru tar-registrazzjoni GAA365, liema serq huwa kkwalifikat bil-mezz, bil-lok, bil-valur li ma jeccediex

is-somma ta’ elf Lira Maltin u bix-xorta tal-haga misruqa u li sar ghad-dannu ta’ Christian Ellul;

Fil-lejl ta’ bejn it-12 u t-13 ta’ Mejju 2004, waqt li kienet n-Naxxar, ikkommettiet serq ta’ oggetti u cioe’ ‘wind breakers’, minn go vettura ta’ l-ghamla Hyundai Pony, liema serq huwa kkwalifikat bil-mezz, bil-hin u bix-xorta tal-haga misruqa u li sar ghad-dannu ta’ persuni mhux maghrufa;

-ommissis-

F’Malta, fit-12 ta’ Mejju 2004 u fil-jum ta’ wara din id-data, xjentement laqghet ghandha jew xtrat hwejjeg misruqa, mehuda b’qerq jew akkwistati b’reat, sew jekk sar f’Malta kif ukoll barra minn Malta jew xjentement b’kull mod li jkun, indahlet biex tbieghhom jew tmexxihom, liema oggetti gejjin minn reati ta’ serq;

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali sabiex il-kawza issir sommarjament mhux opposta;

Rat il-verbal tal-1 ta’ Mejju, 2006;

Semghet lill-imputata fl-udjenza tal-lum tirregistra ammissjoni fuq liema insistiet anka wara li l-Qorti taghtha zmien tirrikonsidra;

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Ikkonsidrat:

Li stante l-ammisjoni volontarja u inkondizjonata taghha issibha hatja tal-akkuzi migjuba kontra taghha.

Rat l-Artikolu 261, 264, 267, 269, 270, 271, 278, 279(1), 280, 17 u 31 tal-Kap 9.

Tiddeciedi li tilliberha bl-applikazzjoni tal-Artikolu 22 tal-Kap 446 ghall-perjodu ta’ sitt xhur mil-lum.

Il-Qorti fissret lill-imputata r-responsabbilitajiet taghha skond din is-sentenza.

**< Sentenza In Parte >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------